

31996L0038

26.7.1996

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 187/95

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 96/38/KE**tas-17 ta' Ġunju 1996****li tadatta għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 76/115/KEE li għandha xtaqsam ma' l-ankoraġġi għaċ-ċinturini tas-sigurtà ta' vetturi bil-mutur****(Test b'rilevanza għaċ-ĊEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 95/54/EC², u b'mod partikolari l-Artikolu 13⁽²⁾ tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 76/115/KEE tat-18 ta' Diċembru 1975 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-ankoraġġi għaċ-ċinturini tas-sigurtà ta' veturi bil-mutur⁽³⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 90/629/KEE⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi d-Direttiva 76/115/KEE hija waħda mid-direttivi separati tal-proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE li ġiet stabbilita bid-Direttiva 70/156/KEE; billi, konsegwentement, id-dispożizzjonijiet stipulati fid-Direttiva 70/156/KEE li għandhom x'jaqsmu mas-sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati ta' vetturi japplikaw għal din id-Direttiva;

Billi, b'mod partikolari, l-Artikoli 3(4) u 4 (3) tad-Direttiva 70/156/KEE jinneċessitaw li kull direttiva separata jkollha anness magħha document ta' informazzjoni li jinkorpora l-punti rilevanti ta' l-Anness ma' dik id-Direttiva u wkoll ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip ibbażat fuq l-Anness VI magħha sabiex l-approvazzjoni tat-tip tista' tiġi kompjuterizzata;

Billi huwa possibbli li titjieb il-protezzjoni pprovduta għal passiġġieri kontra li jinxeħtu 'l barra fil-każ ta' aċċident permezz tal-ħtieġa ta' minimu ta' ċinturini addominali tat-tip I b'retratturi għall-pożizzjonijiet kollha ta' bil-qiegħda li jħarsu 'l quddiem u lura f'vetturi bil-mutur tal-kategoriji M₂ u M₃ (ħlief dawk il-vetturi li huma maħsuba kemm għal użu urban u kemm għal passiġġieri bil-wieqfa), kif previst fid-Direttiva tal-Kummissjoni 90/628/KEE⁽⁵⁾;

Billi d-dħul fis-seħħ ta' emenda għad-Direttiva tal-Kunsill 77/541/KEE⁽⁶⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 90/628/KEE biex teħtieġ dawn iċ-ċinturini tas-sedili f'vetturi M₂ u M₃ jiddependi fuq l-adattament għall-progress tekniku tad-Direttiva tal-Kunsill 74/408/KEE⁽⁷⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 81/577/KEE⁽⁸⁾, dwar is-saħħa tas-sedili u din id-Direttiva dwar ankoraġġi taċ-ċinturini tas-sedili;

Billi hija magħmula referenza għad-Direttiva tal-Kunsill 74/60/KEE⁽⁹⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 78/632/KEE⁽¹⁰⁾, li tirrelata għall-muntaġġi nterni ta' vetturi bil-mutur;

Billi d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat għal Adattament għall-progress Tekniku stabbilit bid-Direttiva 70/156/KEE,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Id-Direttiva 76/115/KEE hija emendata kif ġej.

1. L-Artikolu 1 għandu jaqra kif ġej:

“Din id-Direttiva tapplika għal ankoraġġi ta' ċinturini tas-sigurtà ta' vetturi bil-mutur maħsuba għal okkupanti adulti ta' sedili li jħarsu 'l quddiem jew lura.”

2. Fl-Artikolu 2 'l-Anness I' huwa sostitwit bl-'L-Anness II A';

3. Fl-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 76/115/KEE 'l-Annessi I, III u IV' huma sostitwiti b' 'l-Annessi';

4. L-Annessi huma emendati skond l-Anness ma' din id-Direttiva.

L-Artikolu 2

1. B'effett mill-1 ta' Jannar 1997 ebda Stat Membru ma jista', għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-ankoraġġi għal ċinturini tas-sigurtà:

⁽¹⁾ ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 266, tat-8.11.1995, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 24, tat-30.1.1976, p. 6.⁽⁴⁾ ĠU L 341, tas-6.12.1990, p. 14.⁽⁵⁾ ĠU L 341, tas-6.12.1990, p. 1.⁽⁶⁾ ĠU L 220, tad-29.8.1977, p. 95.⁽⁷⁾ ĠU L 221, tat-12.8.1974, p. 1.⁽⁸⁾ ĠU L 209, tad-29.7.1981, p. 34.⁽⁹⁾ ĠU L 38, tal-11.2.1974, p. 2.⁽¹⁰⁾ ĠU L 206, tad-29.7.1978, p. 26.

— jirrifjuta, fir-rigward ta' tip ta' vettura bil-mutur, li jagħti approvazzjoni tat-tip tal-KEE, jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali, jew

— jipprojbixxi r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi,

jekk l-ankoraġġi f' dan it-tip ta' vettura jew f' dawn il-vetturi jikkonformaw mal-ħtiġiet tad-Direttiva 76/115/KEE kif emendata b'din id-Direttiva.

2. B'effett mill-1 ta' Ottubru 1999 għal vetturi tal-kategorija M₂ b' massa massima li ma teċċedix 3 500 kg u l-vetturi l-oħra kollha mill-1 ta' Ottubru 1997, Stati Membri:

— m'għandhomx iktar jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-KE, u

— jistgħu jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip nazzjonali, għal tip ta' vettura għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-ankoraġġi ta' ċinturini tas-sigurtà jekk il-ħtiġiet tad-Direttiva 76/115/KEE, kif emendati b'din id-Direttiva, mhumiex sodisfatti.

3. B'effett mill-1 ta' Ottubru 2001 għal vetturi tal-kategorija M₂ b'massa massima li ma teċċedix 3 500 kg u l-vetturi l-oħra kollha fil-kategorija M mill-1 ta' Ottubru 1999, Stati Membri:

— għandhom jikkunsidraw ċertifikati ta' konformità li jakkumpanjaw vetturi ġodda skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 70/156/KEE mhux iktar validi għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 7(1) ta' dik id-Direttiva, u

— jistgħu jirrifjutaw ir-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi ġodda li mhumiex akkumpanjati b'ċertifikat ta' konformità skond id-Direttiva 70/156/KEE,

għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-ankoraġġi ta' ċinturini tas-sigurtà jekk il-ħtiġiet tad-Direttiva 76/115/KEE, kif emendati b'din id-Direttiva, mhumiex sodisfatti.

L-Artikolu 3

1. Stati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal-31 ta' Diċembru 1996 u għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikollhom magħhom din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi li bihom issir din ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam irregolat b'din id-Direttiva.

L-Artikolu 4

Id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

L-Artikolu 5

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-17 ta' Ġunju 1996.

Għall-Kummissjoni

Martin BANGEMANN

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNEX

Lista ta' l-annessi hija miżjuda kif ġej:

"LISTA TA' L-ANNESI

L-ANNEX I: Definizzjonijiet, applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip tal-KEE, l-ġhoti ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE, speċifikazzjonijiet, testijiet, konformità tal- produzzjoni, istruzzjonijiet:

Appendiċi 1: Numru minimu ta' punti ta' ankoraġġ,

Appendiċi 2: Il-lok ta' l-ankoraġġi l-iktar baxxi, ħtiġiet ta' l-angolu,

Appendiċi 3: Dokument ta' informazzjoni,

Appendiċi 4: Ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip.

L-ANNEX II: Il-lok ta' ankoraggji effettivi taċ-ċinturini.

L-ANNEX III: Mezz ta' trazzjoni."

L-Anness I huwa emendat kif ġej

— Punt ġdid jiżdied wara l-Punt 1.14 sabiex jaqra:

"1.15. 'Żona ta' referenza' tfisser l-ispazju bejn żewġ pjani vertikali lonġitudinali, 'l bogħod minn xulxin 400 mm u simmetriċi fir-rigward tal-punt-H, u definiti b' rotazzjoni tal-apparat ta' simulazzjoni tar-ras, deskritt fl-Anness II mad-Direttiva 74/60/KEE, minn vertikali għal orizzontali. L-Apparat għandu jiġi pożizzjonat kif deskritt f'dak l-anness u jiġi stabbilit għal tul massimu ta' 840mm."

— Il-Punt 2.1 huwa emendat sabiex jaqra:

"2.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip skond l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 70/156/KEE ta' tip ta' vettura fir-rigward ta' ankoraggji ta' ċinturini tas-sigurtà għandha tiġi sottomessa mill-manifattur tal-vettura."

— Il-Punt 2.2 huwa emendat sabiex jaqra:

"2.2. Mudell għad-Dokument ta' Informazzjoni jingħata fl-Appendiċi 3."

— Il-Punti 2.2.1 sa 2.2.5 inklużivi huma mħassra.

— Il-Punt 3 huwa emendat sabiex jaqra:

"3. L-ġhoti ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE

3.1. Jekk il-ħtiġiet rilevanti huma sodisfatti, l-approvazzjoni tat-tip tal-KE skond l-Artikolu 4(3) u, jekk applikabbli, 4 (4) tad-Direttiva 70/156/KEE għandha tingħata.

3.2. Mudell għaċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE jingħata fl-Appendiċi 4.

3.3. Numru ta' approvazzjoni skond l-Anness VII tad-Direttiva 70/156/LEE għandu jiġi assenjat lil kull tip ta' vettura approvata. L-istess Stat Membru m'għandux jassenja l-istess numru lil tip ieħor ta' vettura."

— Fil-Punt 4.1, "L-Anness I" huwa sostitwit b' "l-Anness II".

— Il-Punt 4.3.1 huwa emendat sabiex jaqra:

"4.3.1. Kwalunkwe vettura fil-kategoriji M u N (ħliet dawk il-vetturi fil-kategoriji M₂ u M₃ li huma ddisinjati kemm għal użu urban kif ukoll għal passiġġieri bil-wieqfa) għandha tkun mgħammra b' ankoraggji ta' ċinturini tas-sigurtà li jissodisfaw il-ħtiġiet ta' din id-Direttiva."

- Il-Punt 4.3.2 huwa emendat sabiex jaqra:
 - “4.3.2. In-numru minimu ta' ankoraġġi ta' ċinturini tas-sigurtà għal kull pożizzjoni ta' bil-qiegħda diretta 'l quddiem u lura għandu jkun kif speċifikat fl-Appendiċi.”
- Fil-Punt 4.3.5. is-simbolu “*” huwa sostitwit bis-simbolu “#” (verżjoni Ġermaniża biss)
- Punt ġdida 4.3.7 jiżdied sabiex jaqra:
 - “4.3.7. Kwalunkwe pożizzjoni ta' bil-qiegħda fl-Appendiċi I mmarkata bis-simbolu ~~38~~, tliet ankoraġġi jiġu pprovduti sakemm waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin ma tiġix sodisfatta:
 - hemm sedil jew partijiet oħra tal-vettura li jikkonformaw mal-Paragrafu 3.5 ta' l-Appendiċi 1 ta' l-Anness III tad-Direttiva 74/408/KEE direttament quddiem; jew
 - ebda parti tal-vettura ma hi ġewwa jew, meta l-vettura tkun miexja, kapaċi tkun fiż-żona ta' referenza; jew
 - partijiet tal-vettura fiż-żona ta' referenza msemmija jikkonformaw mal-ħtiġiet ta' assorbiment ta' enerġija stabbiliti fl-Appendiċi 6 ta' l-Anness III tad-Direttiva 74/408/KEE

f'liema każ żewġ ankoraġġi jistgħu jiġu pprovduti.”
- Il-Punt il-qadim 4.3.7 huwa rienumerata 4.3.8.
- L-ewwel sentenza tal-Punt 4.3.8 hija emendata sabiex taqra:
 - “Għas-sedili li jinagħlqu jew sedili maħsuba biss għal użu meta l-vettura hija wieqfa, kif ukoll is-sedili kollha... ebda ankoraġġi taċ-ċinturini ma huma meħtieġa.”
- Żewġ punti ġodda huma miżjuda wara l-Punt 4.3.8
 - “4.3.9. Fil-każ tas-sular ta' fuq ta' vettura b'żewġ sulari il-ħtiġiet għall-pożizzjoni ta' bil-qiegħda quddiem fiċ-ċentru għandhom japplikaw ukoll fil-pożizzjonijiet esterjuri ta' bil-qiegħda quddiem.
 - 4.3.10. Fil-każ ta' sedili li kapaċi jiddawru jew jitqiegħdu f' orjentazzjonijiet oħra, għal użu meta l-vettura hija wieqfa, il-ħtiġiet tal-Punt 4.3.1 għandhom japplikaw biss għal dawk l-orjentazzjonijiet maħsuba għal użu normali meta l-vettura tkun qiegħda tivvjaġġa fit-triq, skond din id-Direttiva. Nota għal dan l-iskop għandha tiġi inkluża fid-dokument ta' informazzjoni.”
- Dan li ġej jiżdied fl-aħħar tal-Punt 4.4.3.4:
 - “Fil-każ ta' sedili, li mhumiex sedili ta' quddiem, ta' vetturi fil-kategoriji M_2 u M_3 , l-angoli α_1 u α_2 għandhom ikunu bejn 45 u 90 grad għall-pożizzjonijiet kollha normali ta' użu.”
- Punt ġdida 5.1.1.2 jiżdied kif ġej:
 - “5.1.1.2. It-testijiet jistgħu jiġu ristretti għall-ankoraġġi li jirrelataw biss għal sedil wieħed jew grupp wieħed ta'sedili taħt il-kondizzjonijiet li:
 - l-ankoraġġi kkonċernati għandhom l-istess karatteristiċi strutturali bħall-ankoraġġi li jirrelataw għas-sedili l-oħra jew għall-gruppi l-oħra ta' sedili; u
 - meta dawn l-ankoraġġi huma mgħammra totalment jew parzjalment fuq is-sedil jew fuq il-grupp ta' sedili, il-karatteristiċi strutturali tas-sedil jew tal-grupp ta' sedili huma l-istess bħal dawk għas-sedili l-oħra jew għall-gruppi l-oħra ta' sedili.”
- Il-Punti l-qodma 5.1.1.2 u 5.1.1.3 huma rienumerati 5.1.1.3 u 5.1.1.4 rispettivament.
- Il-Punt 5.3.1 huwa emendat sabiex jaqra kif ġej:
 - “5.3.1. L-ankoraġġi kollha taċ-ċinturini ta' l-istess grupp ta' sedili għandhom jiġu kkontrollati simultanament. Madankollu, jekk hemm riskju li tagħbija mhux simmetrika tas-sedili u/jew ta' l-ankoraġġi tista' twassal għal nuqqasijiet, test addizzjonali jista' jitwettaq b' tagħbija mhux simmetrika.”
- Il-Punt 5.3.2 huwa emendat sabiex jaqra kif ġej:
 - “5.3.2. Il-forza trattiva għandha tiġi applikata f' direzzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni ta' bil-qiegħda f' angolu ta' $10^\circ \pm 5^\circ$ fuq l-orizzontali fi pjan parallel għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura.”

- Fil-Punti 5.3.4, 5.4.1.2, 5.4.1.3, 5.4.2.1, 5.4.2.2, 5.4.3 u 5.4.5.2 issostitwixxi “l-Anness IV” b’ “l-Anness III”.
- Il-Punt 5.4.4.2 huwa emendat sabiex jaqra:
 - “5.4.4.2. It-tagħbijiet indikati fil-Punti 5.4.1, 5.4.2 u 5.4.3 għandhom jiġu ssupplimentati b’ forza ugwali għal 20 darba l-piż tas-sedil komplet.
Fil-każ ta’ vetturi fil-kategoriji M_2 u N_2 din il-forza għandha tkun ugwali għal 10 darbiet il-piż tas-sedil komplet; għal vetturi fil-kategoriji M_3 u N_3 għandha tkun ugwali għal 6,6 darbiet il-piż tas-sedil komplet.”
- Punt ġdida jiżdied wara l-Punt 5.4.5.2 sabiex jaqra:
 - “5.4.6. Test fil-każ ta’ sedili li jħarsu lura:
 - 5.4.6.1. Il-punti ta’ ankoraġġ għandhom jiġu kkontrollati skond il-forzi preskritti fil-Paragrafi 5.4.1, 5.4.2 jew 5.4.3 kif approprijat. F’kull każ it-tagħbija tat-test għandha tikkorrispondi għat-tagħbija preskritta għal vetturi M_3 jew N_3 .
 - 5.4.6.2. It-tagħbija tat-test għandha tiġi diretta ‘l quddiem fir-rigward tal-pożizzjoni ta’ bil-qiegħda inkwistjoni, li tikkorrispondi għall-proċedura preskritta fil-paragrafu 5.3.”
- Punt ġdid jiżdied wara l-Punt 5.5.3 sabiex jaqra:
 - “5.5.4. B’deroga, l-ankoraġġi ta’ fuq armati ma’ sedil wieħed jew iktar ta’ vetturi tal-kategorija M_1 ta’ iktar minn 3,5 tunnelli metriċi u M_3 , li jissodisfaw il-ħtiġiet ta’ l-Anness III tad-Direttiva 74/408/KEE, m’hemmx għalfejn jikkonformaw mal-ħtiġiet fil-paragrafu 5.5.1 li jikkonċerna konformità mal-Paragrafu 4.4.4.6. Dettallji tas-sedil(i) kkonċernat(i) għandhom jissemmew fl-addendum maċ-ċertifikat ta’ l-Approvazzjoni tat-Tip imsemmi fl-Appendiċi 4.”
- Il-punt 6.1 huwa emendat sabiex jaqra:
 - “6.1. Bħala regola ġenerali, għandhom itieħdu miżuri għall-assigurazzjoni ta’ konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 70/156/KEE.”
- Il-Punt 7 huwa rinenumerat 8 u Punt ġdid 7 huwa inserit sabiex jaqra:
 - “7. **Modifiki tat-tip u emendi għall-approvazzjonijiet**
 - 7.1. Fil-każ ta’ modifiki tat-tip skond din id-Direttiva, id-dispożizzjonijiet ta’ l-Artikolu 5 tad-Direttiva 70/156/KEE għandhom japplikaw.”

— L-Appendiċi ġodda 1 u 2 ma' l-Anness I huma miżjuda kif ġej:

“Appendiċi 1

Numru minimu ta' punti ta' ankoraġġ

Kategorija tal-Vettura	Pożizzjonijiet ta' bil-qiegħda li jħarsu 'l quddiem				Iħarsu lura
	Esterjuri		Ċentru		
	Quddiem	Ieħor	Quddiem	Ieħor	
M_1	3	3 jew 2 Ø	3 jew 2 *	2	2
$M_2 \leq 3,5 T$	3	3	3	3	2
M_3 & $M_2 > 3,5 T$	3☼	3 jew 2 ☼	3 jew 2 ☼	3 jew 2 ☼	2
N_1, N_2 & N_3	3	2 jew 0 #	3 jew 2 *	2 jew 0 #	—

Kjavi għas-simboli:

2: żewġ ankoraġġi baxxi li jippermettu l-installazzjoni ta' ċinturin tas-sigurtà tat-tip B jew, meta meħtieġ bl-Anness XV tad-Direttiva 77/541/KEE, it-tip Br, Br3, Br4m jew Br4Nm.

3: żewġ ankoraġġi baxxi u ankoraġġ wieħed ta' fuq li jippermettu l-installazzjoni ta' tip A ta' ċinturin tas-sigurtà bi tliet punti jew, meta meħtieġ bl-Anness XV tad-Direttiva 77/541/KEE, it-tip Ar, Ar4m jew Ar4Nm.

Ø: jirreferi għall-Punt 4.3.3 (żewġ ankoraġġi permessi jekk sedil huwa 'l ġewwa minn passaġġ).

*: jirreferi għall-Punt 4.3.4 (żewġ ankoraġġi permessi jekk il-windscreen huwa barra ż-żona ta' referenza).

#: jirreferi għall-Punti 4.3.5 u 4.3.6 (żewġ ankoraġġi meħtieġa f' pożizzjonijiet esposti ta' bil-qiegħda).

☼: jirreferi għall-Punt 4.3.7 (żewġ ankoraġġi permessi jekk ma hemm xejn fiż-żona ta' referenza).

☼: jirreferi għall-Punt 4.3.10 (dispożizzjoni speċjali għas-sular ta' fuq ta' vettura).

Appendiċi 2

Il-Lok ta' l-ankoraġġi l-iktar baxxi – Ħtiġiet ta' l-angolu biss

Sedil		M_1	Ta' xort' oħra minn M_1
Quddiem #	In-naħa tal-bokkła (α_2)	45°- 80°	30°-80°
	Ta' xort' oħra minn naħa tal-bokkła (α_1)	30°-80°	30°-80°
	Il-kostanti ta' l-angolu	50°-70°	50°-70°
	Il-bank- in-naħa tal-bokkła (α_2)	45°-80°	20°-80°
	Il-bank- ta' xort' oħra minn naħa tal-bokkła (α_1)	30°-80°	20°-80°
	Sedil aġġustabbli b' angolu tad-dahar tas-sedil < 20°	45°-80° (α_2)* 20°-80° (α_1)*	20°-80°
Wara #		30°-80°	20°-80° Ψ
Egħluq	Ebda ankoraġġ taċ-ċinturini meħtieġ. Jekk l-ankoraġġ huwa armat: ara l-ħtiġiet ta' l-angolu Quddiem u Wara.		

Noti:

#: l-estern u ċ-ċentru.

*: jekk l-angolu huwa kostanti ara l-Punt 4.4.3.1.

Ψ : 45° - 90° fil-każ ta' sedili f' vetturi M_2 u M_3 .

Żewġ appendiċi ġodda huma miżjuda kif ġej:

“Appendiċi 3

Dokument ta' informazzjoni Nru...

Skond l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE⁽¹⁾ li tirrelata għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vettura fir-rigward ta' l-ankoraġġi ta' ċinturini tas-sigurtà (76/115/KEE) kif l-aħħar emendata bid-Direttiva.../.../KEE

L-informazzjoni li ġejja, jekk tkun applikabbli, għandha tingħata fi tliet kopji u tinkludi werrej. Kwalunkwe disinni għandhom jingħataw fi skala adatta u f'dettal suffiċjenti fuq karti ta' qies A4 jew ġo folder ta' format A4. Ir-ritratti, jekk ikun hemm, għandhom juru dettal suffiċjenti.

Jekk is-sistemi, il-komponenti jew il-unitajiet tekniċi separati jkollhom kontrolli elettroniċi, għandha tingħata informazzjoni dwar il-prestazzjoni tagħhom.

0. **Ġenerali**

- 0.1. L-għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur):
- 0.2. It-Tip u d-deskrizzjoni(jiet) ġenerali kummerċjali:
- 0.3. Il-Mezz ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immrakat fuq il-vettura^(b):
- 0.3.1. Il-Lok ta' dak l-immarkat:
- 0.4. Il-Kategorija ta' vettura (°):
- 0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur:
- 0.8. L-Indirizz(i) ta' impjant(i) ta' fejn isir l-assemblaġġ:

1. **Il-Karatteristiċi ġenerali ta' kostruzzjoni tal-vettura**

- 1.1. Ritratti u/jew disinni ta' vettura rappreżentattiva:

9. **Il-Karrozzerija**

- 9.10.3. Sedili
- 9.10.3.1. In-Numru
- 9.10.3.2. Il-Pożizzjoni u l-arranġament:
- 9.10.3.2.1. Il-Pożizzjonijiet ta' bil-qiegħda magħżula biss għall-użu meta l-vettura hija wieqfa:
- 9.10.3.3. Il-Massa:
- 9.10.3.4. Il-Karatteristiċi: Deskrizzjonijiet u disinni ta':
- 9.10.3.4.1. s-sedili u l-ankoraġġi tagħhom:
- 9.10.3.4.2. is-sistema ta' aġġustament
- 9.10.3.4.3. is-sistemi ta' oxxillazzjoni u tiskir
- 9.10.3.4.4. l-ankoraġġi taċ-ċinturini tas-sigurtà jekk inkorporati fl-istruttura tas-sedil
- 9.10.3.6. Aġġmel disinn ta' l-angolu tat-torso ta':
- 9.10.3.6.1. s-sedil tas-sewwieq
- 9.10.3.6.2. l-pożizzjonijiet l-oħra kollha ta' bil-qiegħda
- 9.10.3.7. Medda ta' aġġustament tas-sedil
- 9.10.3.7.1. s-sedil tas-sewwieq
- 9.10.3.7.2. il-pożizzjonijiet l-oħra kollha ta' bil-qiegħda

⁽¹⁾ In-numri tal-punti u tan-noti ta' qiegħ il-paġna wżati f'dan id-dokument ta' l-informazzjoni jikkorrispondu għal dawk stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 70/156/KEE. Il-punti li mhumiex rilevanti għall-iskop ta' din id-Direttiva tħallew barra.

- 9.1.3. Ankoraġġi ta' ċinturini tas-sigurtà
- 9.13.1. Ritratti u/jew disinni tal-karrozzerija li juru l-pożizzjoni u d-dimensjonijiet ta' l-ankoraġġi attwali u effettivi inklużi l-punti R:
- 9.13.2. Id-Disinni ta' l-ankoraġġi taċ-ċinturini u tal-partijiet ta' l-istruttura tal-vettura fejn huma mqabbdha (b'indikazzjoni tal-materjal):
- 9.13.3. Id-Deskrizzjoni tat-tipi ⁽¹⁾ ta' ċinturini tas-sigurtà awtorizzati biex jiġu armati ma' l-ankoraġġi li bihom hija armata l-vettura:

Il-Filliera	Is-Sedil	Il-Pożizzjoni ta' l-ankoraġġ	Il-lok ta' l-ankoraġġ	
			L-Istruttura tal-vettura	L-Istruttura tas-sedil
L-ewwel filliera ta' sedili	Is-sedil tan-naħa tal-lemin	Ankoraġġ esterjuri l-iktar baxx		
		Ankoraġġ interjuri l-iktar baxx		
		Ankoraġġ(i) ta' fuq		
	Sedil taċ-ċentru	Ankoraġġ esterjuri l-iktar baxx		
		Ankoraġġ interjuri l-iktar baxx		
		Ankoraġġ(i) ta' fuq		
	Sedil tan-naħa tax-xellug	Ankoraġġ esterjuri l-iktar baxx		
		Ankoraġġ interjuri l-iktar baxx		
		Ankoraġġ(i) ta' fuq		
It-tieni filliera ta' sedili #	Sedil tan-naħa tal-lemin	Ankoraġġ esterjuri l-iktar baxx		
		Ankoraġġ esterjuri l-iktar baxx		
		Ankoraġġ(i) ta'		
	Sedil taċ-ċentru	Ankoraġġ esterjuri l-iktar baxx		
		Ankoraġġ interjuri l-iktar baxx		
		Ankoraġġ(i) ta' fuq		
	Sedil tan-naħa tax-xellug	Ankoraġġ esterjuri l-iktar baxx		
		Ankoraġġ interjuri l-iktar baxx		
		Ankoraġġ(i) ta' fuq		

It-tabella tista' tiġi estiża kif neċessarju meta l-vetturi għandhom iktar minn żewġ fillieri ta' sedili jew jekk hemm iktar minn 3 sedili tul il-wisa' ta' vettura.

- 9.13.4. Deskrizzjoni ta' tip partikolari ta' ċinturin tas-sigurtà meta ankoraġġ jinstab fid-dahar tas-sedil jew jinkorpora strument ta' dissipazzjoni ta' enerġija:

Data, file

⁽¹⁾ Għas-simboli u l-marki li għandhom jintużaw, ara l-Anness III, il-Punti 1.1.3 u 1.1.4 tad-Direttiva 77/541/KEE. Fil-każ ta' ċinturini tas-sigurtà tat-tip 'S', speċifika n-natura tat-tip(i)

Punti Appendiċi 4

MUDELL

(format massimu: A4 (210 x 297 mm))

ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP

Timbru ta' l-amministrazzjoni

Komunikazzjoni li tikkonċerna:

- tat-tip ⁽¹⁾
- ta' l-approvazzjoni tat-tip ⁽¹⁾,
- ta' l-approvazzjoni tat-tip ⁽¹⁾,
- ta' l-approvazzjoni tat-tip ⁽¹⁾,

ta' tip ta' vettura/komponent/unità teknika separata ⁽¹⁾ fir-rigward tad-Direttiva 76/115/KEE, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva.../.../KE.

Numru ta' l-approvazzjoni tat-tip:

Raġuni għall-estensjoni:

SEZZJONI I

- 0.1. L-Għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur):
- 0.2. It-Tip u d-deskrizzjoni(jiet) ġenerali kummerċjali:
- 0.3. Il-Mezz ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkat fuq il-vettura/il-komponent/l-unità teknika separata ⁽¹⁾ ⁽²⁾:
- 0.3.1. Il-lok ta' dak l-immarkar:
- 0.4. Il-Kategorija tal-vettura ⁽³⁾
- 0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur:
- 0.7. Fil-każ ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati, il-lok u l-metodu tat-twaħħil tal-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE:
- 0.8. L-Indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' fejn isir l-assemblaġġ:

SEZZJONI II

1. Informazzjoni addizzjonali (meta applikabbli) (ara l-addendum):
2. Servizz tekniku responsabbli għat-tweqqieg tat-testijiet:
3. Id-Data tar-rapport tat-test:
4. In-Numru tar-rapport tat-test:
5. Rimarki (jekk hemm) (ara l-addendum):
6. Il-Post:
7. Id-Data:
8. Il-Firma:
9. L-indiċi għall-pakkett ta' l-informazzjoni ippreżentat lill-awtorità ta' l-approvazzjoni, li jista' jinkiseb fuq talba, huwa meħmuż.

⁽¹⁾ Ħassar fejn ma japplikax.

⁽²⁾ Jekk il-mezz ta' l-identifikazzjoni tat-tip ikun fih karattri li mhumiex rilevanti għad-deskrizzjoni tat-tipi ta' vettura, ta' komponent jew ta' unità teknika separata koperti b'dan iċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip, karattri bħal dawn għandhom ikunu rappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu: (e.g. ABC??123??).

⁽³⁾ Kif definit fl-Anness II A tad-Direttiva 70/156/KEE.

Addendum għaċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE Nru...

Li jikkonċerna l-approvazzjoni tat-tip ta' vettura fir-rigward tad-Direttiva 76/115/KEE kif l-aħħar emendata bid-Direttiva.../.../KEE

1. Informazzjoni addizzjonali
- 1.1. Il-Kategorija tal-vettura:
- 1.2. Il-lok ta' l-ankoraġġi u taċ-ċinturini tas-sigurtà pprovduti ⁽¹⁾:

Il-Filliera	Is-Sedil	Il-Pożizzjoni ta' l-ankoraġġ	Il-lok ta' l-ankoraġġ	
			L-Istruttura tal-vettura	L-Istruttura tas-sedil
L-ewwel filliera ta' sedili	Is-sedil tan-naħa tal-lemin	Ankoraġġ esterjuri l-iktar baxx		
		Ankoraġġ interjuri l-iktar baxx		
		Ankoraġġ(i) ta' fuq		
	Sedil taċ-ċentru	Ankoraġġ esterjuri l-iktar baxx		
		Ankoraġġ interjuri l-iktar baxx		
		Ankoraġġ(i) ta' fuq		
	Sedil tan-naħa tax-xellug	Ankoraġġ esterjuri l-iktar baxx		
		Ankoraġġ interjuri l-iktar baxx		
		Ankoraġġ(i) ta' fuq		
It-tieni filliera ta' sedili #	Sedil tan-naħa tal-lemin	Ankoraġġ esterjuri l-iktar baxx		
		Ankoraġġ esterjuri l-iktar baxx		
		Ankoraġġ(i) ta'		
	Sedil taċ-ċentru	Ankoraġġ esterjuri l-iktar baxx		
		Ankoraġġ interjuri l-iktar baxx		
		Ankoraġġ(i) ta' fuq		
	Sedil tan-naħa tax-xellug	Ankoraġġ esterjuri l-iktar baxx		
		Ankoraġġ interjuri l-iktar baxx		
		Ankoraġġ(i) ta' fuq		

It-tabella tista' tiġi estiża kif neċessarju meta l-vetturi għandhom iktar minn żewġ fillieri ta' sedili jew jekk hemm iktar minn 3 sedili tul il-wisa' ta' vettura.

5. Rimarki:

⁽¹⁾ Għas-simboli u l-marki li għandhom jintużaw, ara l-Anness III, il-Punti 1.1.3. u 1.1.4. tad-Direttiva 77/541/KEE. Fil-każ tat-tip "S" ta' ċinturini tas-sigurtà, speċifika n-natura tat-tip(i)

3. L-ANNEX II huwa mħassar
 4. L-ANNEX III huwa rienumerat "L-ANNEX II" u bl-intestatura: "Lok ta' ankoraġġi effettivi taċ-ċinturini".
 5. L-ANNEX IV huwa rienumerat L-ANNEX III.
-